**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' April, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 1176/2019 AF**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-Ligi u l-istess Intercomp Marketing Limited (C-20612)**

**vs**

**B.A.S. Limited**

**u**

**G.M.C. Transport Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u Intercomp Marketing Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-socjetà intimata B.A.S. Limited, sabiex tittrasporta merkanzija konsistenti f'computer hardware, mill-Olanda lejn Malta, u da parte taghha, s-socjetà B.A.S. Limited inkarigat lil G.M.C. Transport Company Limited, sabiex tespleta parti mill-inkarigu lilha fdat, liema merkanzija kellha tasal Malta fl-10 ta' Dicembru 2018 (NL. 1663835).

Meta l-merkanzija relattiva giet ikkonsenjata lil Intercomp Marketing Limited, irrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet u dan anke kif jirrizulta mid-*delivery note* relattiva, liema nuqqasijiet huma attribwibbli lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom.

Il-valur tal-merkanzija li ma gietx ikkonsenjata lis-socjetà Intercomp Marketing Limited kienet tammonta ghal €16,719.94c.

Ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva mahruga mis-socjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, l-istess socjetà hallset lill-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited is-somma ta' €16,486.94c u ghalhekk is-socjetà Atlas Insurance PCC Limited giet surrogata fid-drittijiet relattivi tal-assigurata taghha.

Is-socjetà Intercomp Marketing Limited batiet is-somma ta' €233.00c rapprezentanti excess pagabbli ai termini tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni.

Ghalkemm is-socjetajiet intimati gew interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni relattivi u ghalhekk ihallsu l-imsemmija ammonti, dawn però baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu intavolati l-proceduri odjerni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikkjara illi is-socjetajiet intimati, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija relattiva u ghad-danni konsegwenzjali subiti mir-rikorrenti rispettivament,

2. Tillikwida d-danni totali fl-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u dsatax-il Ewro u erba' u disghin centezmu (€16,719.94c) jew somma ohra verjuri, inkwantu ghal sittax-il elf erba' mija u sitta u tmenin u erba' u disghin centezmu (€16,486.94c) pagabbli lis-socjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited (rapprezentanti l-ammont imhallas minnha lill-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva) u inkwantu ghal mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233.00c) pagabbli lis-socjetà rikorrenti Intercomp Marketing Limited (rapprezentanti excess relatat mal-polza ta' assikurazzjoni relattiva), u

3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjetajiet rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

4. Bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 2019 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra is-socjetajiet intimati, jew min minnhom, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimata B.A.S. Limited li permezz tagħha ġie eċċepiet illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, u dan billi hija s-socjetà konvenuta l-ohra, G.M.C. Transport Co. Ltd li ghandha tirrispondi ghat-talbiet attrici, stante li l-konsenja kienet effettivament fil-kontroll u/jew pussess effettiv taghha, jew agenti ohra taghha, meta l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa

kif allegat fir-rikors promotur, u fi kwalsiasi kaz ma hux minnu li s-socjetà konvenuta B.A.S. Limited hija responsabbli ghal xi nuqqasijiet, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Mhuwiex minnu li s-socjetà attrici Intercomp Marketing Limited kienet inkarigat lis-socjetà eccepjenti sabiex tittrasportalha l-merkanzija mill-Olanda lejn Malta; illi kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza kienet s-socjetà attrici Intercomp Marketing Limited stess li ghazlet lill-intimata l-ohra G.M.C. Transport Co. Ltd sabiex tittrasportalha l-merkanzija mill-Olanda ghal Malta u li effettivament inkarigat lil G.M.C. Transport Co. Ltd sabiex tigbor l-istess merkanzija mill-fornitur taghha fl-Olanda u twassalha Malta.

Is-socjetà eccepjenti kienet responsabbli biss biex tikkoordina l-arrangamenti logistici ghall-garr tal-merkanzija u biex wara li tiehu l-konsenja tal-Merkanzija fl-imhazen taghha f'Malta, twassal l-istess merkanzija fl-indirizz tas-socjetà attrici Intercomp Marketing Limited; illi fil-mument li l-eccipjenti rceviet l-istess konsenja minghand l-intimata l-ohra G.M.C. Transport Co. Ltd, in-nuqqasijiet li minnhom qed jilmentaw l-atturi kienu digà rrizultaw kif jidher mit-"*tally sheet*" u mill-"*cargo receipt*" iffirmati mir-rapprezentant tal-intimata l-ohra G.M.C. Transport Co. Ltd, li kopji taghhom qed jigu annessi u mmarkati Dok. "BAS 1" u Dok. "BAS 2" rispettivament.

Konsegwentement, l-eccepjenti ma hi responsabbli ghal ebda danni favur is-socjetajiet attrici u ghalhekk il-pretensjonijiet tal-atturi fil-konfront taghha sa mill-bidu nett gew respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta mill-*email* tas-socjetà eccipjenti tat-08 ta' April 2019, kopja annessa u mmarkata Dok. "BAS 3".

Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet regolata mill-Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (CMR) tal-1956, u ghaldaqstant kwalunkwe responsabilità, jekk talvolta hekk tirrizulta, ghandha titqies fil-limiti ta' din il-Konvenzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimata G.M.C Transport Company Limited li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici fit-termini tal-Art. 32(1)(a) tal-Iskeda ghall-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjoni ta' Merkanzija (Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta).

Minghajr pregudizzju, in kwantu diretti kontra l-eccipjenti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Mhux minnu li l-eccipjenti naqset fil-konfront tal-attrici Intercomp Marketing Limited, jew li ghandha taghmel tajjeb ghal xi telf jew danni fil-konfront taghha.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, mhux minnu li l-eccipjenti taht b'xi mod ghan-nuqqasijiet li l-attrici Intercomp Marketing Limited irriskontrat fil-merkanzija mertu ta' din il-kawza.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, il-hlas kif mitlub mill-atturi b'din il-kawza mhux dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kollha.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza s-soċjetà rikorrenti kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Intercomp Marketing Limited qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati jħallsu s-somma kif pretiża fir-rikors ġuramentat fl-ammont ta' €16,719.94 (li minnhom €233.00 huma dovuti lil Intercomp Marketing Limited in rappreżentanza ta' *excess fee* li

tħallset minnha fuq il-polza) rappreżentanti danni minnhom sofferti u dan għaliex is-soċjetà rikorrenti Intercomp Marketing Limited issurrogat lis-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance fid-drittijiet tagħha wara li tal-ewwel ġiet imħallsa għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha fir-rigward ta' *claim* li għamlet wara li rriskontrat nuqqasijiet fil-konsenja tal-merkanzija minnha riċevuta.

B.A.S. Ltd wieġebet illi mhijiex responsabbli għall-akkadut stante illi fil-mument li graw in-nuqqasijiet, il-merkanzija kienet fil-pussess u fil-kontroll effettiv tas-soċjetà intimata l-oħra G.M.C. Transport Company Ltd. Eċċepiet ukoll illi l-ġarr tal-merkanzija mertu ta' din il-vertenza huwa regolat mill-*Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (CMR)* tal-1956 u li għaldaqstant kwalsiasi responsabilità li tista' tirriżulta għandha titqies fil-limiti dettati mill-Konvenzjoni.

Is-soċjetà G.M.C. Transport Company Ltd eċċepiet l-ewwel nett il-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 32(1)(a) tal-iSkeda għall-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija, Kap. 486 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu wieġbet illi mhijiex responsabbli fir-rigward ta' Intercomp Marketing Ltd.

Jirriżulta illi Intercomp Marketing Ltd xtrat merkanzija konsistenti f'*laptops*, *computer hardware* u aċċessorji relatati mingħand id-ditta Dell li tinsab fl-Olanda. Sussegwentement Intercomp Marketing Ltd inkarigat lill-B.A.S. Ltd sabiex din iġġorr il-merkanzija mingħand il-fornitur fl-Olanda sal-imħażen ta' Intercomp fil-Marsa. Da parti tagħha B.A.S Limited inkarigat lil G.M.C. Transport Company Limited sabiex tieħu ħsieb tiġbor u ġġorr il-merkanzija mingħand il-fornitur għall-imħażen ta' Intercomp.

Mid-dokumentazzjoni in atti, senjatament il-*bill of lading* li nħareġ meta G.M.C. Transport Company Limited ġabret il-merkanzija, jirriżulta li l-merkanzija kienet konsistenti f'317 kaxxa ta' *computer hardware* għall-piż komplessiv ta' 1875 kilogrammi madanakollu mill-*cargo receipt* rilaxxjata minn G.M.C. Transport Company Limited favur B.A.S. Limited, ġew konsenjati biss 266 kaxxi f'piż globali ta' 1366.50 kilogrammi. Irriżulta għalhekk illi kien hemm 51 kaxxa nieqsa.

Minnufih malli l-konsenja waslet Malta, B.A.S. Limited infurmat lil Intercomp Marketing Limited li rriżultaw xi irregolaritajiet fil-konsenja li rċeviet mingħand G.M.C. Transport Company Limited u dan billi s-siġill tat-*trailer* kien ġie mbgħabas u kien hemm żewġ *pallets* ta' merkanzija nieqsa.

Tajjeb jingħad li ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-konsenja kien fiha 51 kaxxa nieqsa.  Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar min mill-konvenuti huwa responsabbli fir-rigward tat-talbiet ta' Atlas Insurance.

B.A.S. Ltd tisħaq li hi tieħu ħsieb il-loġistika tat-trasport u li la darba l-merkanzija ġiet nieqsa waqt li kienet fil-kontroll effettiv ta' G.M.C. Transport Company Limited, hija din illi trid twieġeb għat-talbiet.

Mark Buttigieg, in rappreżentanti ta' G.M.C. Transport Company Limited, xehed illi G.M.C Transport Company Limited rċeviet l-inkarigu tagħha direttament mingħand B.A.S. Ltd tant illi kienet B.A.S. Ltd illi ħallset lil G.M.C. Transport Company Limited għas-servizz tagħha.

Huwa kompla jixhed illi x-xufier ta' G.M.C. Transport Company Limited ġabar il-merkanzija mingħand Syncreon fl-Olanda.  Il-merkanzija kienet diġà mpoġġija fuq il-*pallets* u mgeżwra fil-plastik oħxon.  Il-konsenja tgħabbiet fuq *trailer* u minn hemm kellha tinġarr lejn il-port.  Il-merkanzija inġabret fis-6 ta' Diċembru 2018.  Bil-merkanzija fit-*trailer*, ix-xufier baqa' sejjer jiġbor merkanzija mingħand fornitur ieħor minn imħażen ftit il-bogħod minn dawn ta' Syncreon u minn hemm qabad it-triq lejn il-port ta' Genova.  Dak inhar stess it-*trailer* waqaf għal pawsa bejn il-Belġjum u Franza u wara kompla fi triqtu lejn klijent ieħor ta' G.M.C. Transport Company Limited fi Strassburgu sabiex jgħabbi aktar merkanzija.  Malli waqaf fi Strassburgu u mar sabiex ineħħi l-katnazz tat-*trailer*, ix-xufier intebaħ illi l-katnazz kien maqtugħ u li l-merkanzija li kien qiegħed iġorr kienet insterqet.  Buttigieg xehed illi x-xufier ċempel minnufih l-uffiċċju ta' G.M.C. Transport Company Limited fil-Marsa sabiex jinformahom b'dak illi kien ġara.  Issokta jgħid illi l-impjegati ta'

G.M.C. Transport Company Limited ikkuntattjaw lil B.A.S. Ltd u nfurmawha b'dak illi kien ġara.

Buttigieg xehed illi l-uniku mezz ta' sigurtà fuq it-*trailer* huwa katnazz. Xehed ukoll illi G.M.C. Transport Company Limited tagħmel użu minn GPS *localiser* li bażikament jgħinha sabiex tkun taf il-pożizzjoni eżatta tat-*trailer* f'kull ħin. Mistoqsi jekk sarx xi rapport dwar is-serqa huwa xehed li x-xufier ma kienx irraporta dan il-fatt lill-awtoritijiet lokali.

Preliminarjament ġie eċċepit mis-soċjetà G.M.C Transport Company Ltd illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 32(1)(a) tal-iSkeda għall-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija, Kap 486 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha is-soċjetà G.M.C Transport Company Ltd iddikjarat illi peress illi mill-atti rriżulta li l-kawża ġiet intavolata entru t-terminu stabbilit permezz tal-imsemmija disposizzjoni, din l-eċċezzjoni ġiet irtirata b'riżerva għall-ispejjeż. Tenut kont ta' dan, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizjoni ulterjuri tal-mertu tal-eċċezzjoni. In kwantu għall-ispejjeż relattivi, il-Qorti sejra tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dan aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Il-pern tal-kwistjoni kollha huwa min mill-intimati huwa responsabbli ghall-hsara li garrbet is-socjetà assikuratrici.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għal sentenzi li jikkonċernaw lill-Atlas Insurance u lill-intimata B.A.S. Limited liema kawżi trattaw kwistjoni identika għal dik ta' llum, ħlief għall-ammont pretiż, biss il-fatti huma ferm simili jekk mhux addirittura identiċi f'uħud mill-kawżi, u jikkonċernaw l-istess xorta ta' merkanzija.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza Atlas Insurance PCC Ltd vs B.A.S. Limited deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-30 t'April 2012[1], liema kawża inċidentalment, ukoll kienet tinvolvi nuqqasijiet fil-merkanzija li ġiet konsenjata lil Intercomp Limted. F'dak il-każ, bħal fil-każ ta' llum Intercomp ordnat konsenja ta' *laptops* mid-ditta Dell li tinsab fl-Olanda u nkarigat lis-soċjetà B.A.S. Ltd sabiex twassal dawn il-prodotti Malta

[1] Talba Numru 877/2008

permezz tal-arju fuq ajruplan ta' Air Malta p.l.c. Ġara però illi l-konsenja kien fiha xi nuqqasijiet. B.A.S. Limited eċċepiet fost l-oħrajn illi fil-mument li parti mill-merkanzija ġiet nieqsa din ma kienitx taħt ir-responsabilità tagħha u li għalhekk ma tistax tinsab responsabbli għan-nuqqasijiet reklamati. Hawnhekk it-Tribunal sab li B.A.S. Limited ma kinitx ħadet "*il-kura neċessarja sabiex il-merkanzija in kwistjoni tkun secure*" u għaldaqstant kellha tagħmel tajjeb għal dan. In kwantu r-responsabilità tal-linja tal-arju vis-a-vis Intercomp Marketing Limited għan-nuqqasijiet, it-Tribunal osserva li kienet B.A.S. Ltd li nkarigat lill-Air Malta plc u għalhekk inħolqot benjiethom relazzjoni kuntrattwali għal liema Intercomp Marketing Limited kienet totalment estranea.

B'deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2016 il-Qort tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ċaħdet l-appell minn din is-sentenza wara li fost il-kunsiderazzjonijiet li għamlet, rribadiet illi B.A.S. Ltd ma setgħetx teżimi ruħha billi titfa' ħtija fuq it-terz li miegħu Intercomp ma kellha ebda relazzjoni ġuridika. Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Avukat Carmelo Castelli nomine vs Focal Maritime Services Ltd, deċiża fit-30 ta' Novembru 2012, fejn ingħad:

> "*Il-Qorti tosserva li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija sostnuta ampjament mill-provi, u jirrizulta pacifiku li l-atturi ma taw ebda struzzjonijiet jew inkarigu la lis-socjetà konvenuta Air Malta plc. u lanqas lis-socjetà estera konvenuta 6 Delta Airlines. Kif osservat l-ewwel Qorti, l-atturi ma kienu nvoluti b'ebda mod fl-inkarigu moghti lil dawn is-socjetajiet trasportaturi tal-merkanzija mis-socjetà konvenuta TSCL. Ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u dawn is-socjetajiet. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it- tielet eccezzjoni tas-socjetà Air Malta plc. u lliberat lil din is-socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju*".

Issir ukoll referenza għal-tlett sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Settembru 2012 ilkoll fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd pro et noe vs B.A.S. Limited liema kawżi huma bħal dik tal-lum. F'dawn is-sentenzi li għaddew in ġudikat, il-Qorti qalet hekk:

*"Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li s-socjetà assigurata mas-socjetà attrici u cioè is-socjeta' Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-socjetà konvenuta sabiex iggorr il-merkanzija in kwistjoni go trailer mill-warehouse fornitura tal-kompjuters Dell gewwa l-Olanda  ghal hawn Malta, u dan abbazi ta' kuntratt ta' garr li jidher esebit inter alia a fol 22 et seq tal-process, liema ftehim kif hemm specifikatament indikat, il-partijiet fuq indikati u kontraenti qablu li jkun suggett ghall-provizzjonijiet ezistenti fil-Convention on the Contract for International Goods by Road (Geneva, 19 ta' Mejju 1956) maghrufa ahjar bhal s**CMR Rules**."*

Artikolu 3 tal-fuq citati CMR Rules jipprovdi illi:

*"For the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

L-Artikolu 17 tal-istess CMR Rules jipprovdi li:

*"1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter."*

L-Artikolu 18 jipprovdi illi:

*"1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza "Benjamin Bonnici nomine vs Francis Vella et nomine" - 30 ta' Ottubru 2000):

*"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjetà attrici (f'dan il-kaz s-socjetà assikurata) u s-socjetà konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjetà attrici (f'dan il-kaz is-socjetà speditrici) - m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjetà attrici (aqra ghal dan il-kaz s-socjetà assikurata) ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjetà konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … ... kif kienet tenuta li taghmel … … ... Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ... tal-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'".*

Ukoll fis-sentenza"Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd" (P.A (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) fejn saret referenza ghas-sentenza fuq citata inghad ukoll:

*"Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza*

*persuna li s-socjetà konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjetà konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilità tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata. ("__**Mamo vs Abela nomine**__" - A.C. 4 ta' Frar 2000)."*

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghas-sentenza ""Paul Musù et vs Francis Vella nomine" (A.C. 4 ta' Dicembru 1998 - LXXXII.ii.1336) fejn inghad li:-

*"Din il-Qorti allura ma tistax ma taccettax il-konkluzjoni ta' L-Ewwel Qorti li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tezimi lilha nfisha mir-responsabbilita' ghall-akkadut. Mhux biss, indubbjament ghax ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta, in kwantu hu ma din is-socjeta' li kien finalizzat il-kuntratt ta' trasport; mhux biss ghaliex imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta b'xi mod … … … … … ottjeniet il-kunsens taghha (ghas-subappalt moghti) imma ukoll ghaliex hu adegewatament ippruvat li s-socjeta' kjamata fil-kawza (it-terz) inkarigata mis-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet taghha bhala trasportatur li tassigura li l-merkanzija fdata f'idejha kontra kull riskju bhal dak li kkaguna d-danni reklamati f'din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta ssottomissjoni li dak li gara kien incident li sehh indipendentement mill-volonta' tas-socjeta' konvenuta … … Ma tistax taccetta li kien kaz fortuwitu fejn l-appellant nomine seta' jinvoka l-principju 'casus sentit dominus'."*

*Illi dan il-principju ennuncjat fil-gurisprudenza nostrali jinsab ikkonfermat fl-**Artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni** fejn jinghad li l-"carrier shall be responsible for the acts or ommissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or*

*other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

Il-Qorti finalment tirreferi ghas-sentenzi:

*"Joseph Bowman noe vs Anthony Mizzi et noe et;*

*Atlas Insurance Agency Limited nomine vs Express Trailers Limited;*

*Atlas Insurance Limited pro et noe vs Concorde International Freight Forwarders Limited;*

*Compunet Limited vs B.A.S. Limited u B.A.S. Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd;*

*Atlas Insurance PCC Limited pro et noe vs B.A.S. Limited,*

u ma ssib ebda raguni tiddipartixxi mill-principji fihom spjegati.

Il-Qorti tqis illi dawn il-prinċipji ta' dritt għandhom japplikaw ukoll għall-każ ta' llum.

Fil-każ in diżamina, bħal fil-każ appena ċitat, il-partijiet jaqblu illi l-ġarr tal-merkanzija *de quo* kien regolat ai termini tas-CMR. F'dan il-każ, is-soċjetà intimata B.A.S. Ltd targumenta li la darba l-merkanzija ma kinitx fil-pussess fiżiku tagħha meta seħħ is-sinistru allura ma tistax tinżamm responsabbli għan-nuqqasijiet fil-merkanzija kkonsenjata lil Intercomp Marketing Limited. In kwantu r-responsabilità tat-trasportatur, Malcom A. Clarke fil-ktieb International Carriage of Goods by Road: CMR josserva illi:

*"there is a temptation to exonerate the carrier on this ground, if he has taken all 'reasonable steps' to avoid the event causing loss… This would sit easily with the general duty of exercising reasonable care of cargo, which, it has been suggested will be implied in a contract to carry goods by road". But the defense in article 17(2) makes no mention of reasonable steps and such steps are probably insufficient. What the carrier must show is more akin to the plea of*

*impossibility of performance of a contract which involves an event which renders the contract not merely more onerous but completely impossible of performance. Writers on the CMR are agreed that the event must be one which literally 'could not' be avoided by the carrier. It need not however, like the concept of force majeur in France, be unforeseeable although many events will, by the very fact that they are foreseeable, be avoidable by the carrier of whom such a high standard is required*".

Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Frar 2004, fl-ismijiet Thomas Smith Insurance Agency Limited noe v. MD Trucking Limited et, fejn ikkwotat lill-awtur David Glass u l-ktieb tiegħu "The Divided Heart of the CMR Convention" illi:

"*the carrier cannot hope, simply by showing that ordinary care was taken to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. It follows that a high degree of proof is required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part*".

Hawnhekk il-Qorti tinnota diversi nuqqasijiet li għalihom trid twieġeb is-soċjetà intimata B.A.S. Limited u dan peress illi Intercomp Marketing Limited inkarigat lil B.A.S. Limited bil-ġarr tal-merkanzija. Intercomp Marketing Limited qatt ma daħlet f'relazzjoni ġuridika ma' G.M.C. Transport Company Limited – hija biss B.A.S. Limited li dahlet f'relazzjoni ġuridika ta' sub-appalt ma' G.M.C Transport Company Limited. Din ir-relazzjoni hija *res inter alios acta* li ma tolqotx lir-rikorrenti Intercomp Marketing Limited.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-merkanzija ma setgħetx tiġi vverfikata fil-mument li nġabret mix-xufier ta' G.M.C. Transport Company Limited u dan għaliex mill-provi jirriżulta li fil-mument tal-ġbir tal-merkanzija din kienet mgħobbija fuq *pallets* u mgeżwra fi plastik oħxon. Ix-xufier ġabar dak illi gie mghoddi lilu mingħajr possibilità ta' verifika akkurata li effettivament ingħata ammont ta' kaxxi kif rifless fuq il-*bill of lading*.

In oltre, it-*trailer* ma kienx monit b'sistema ta' sigurtà kontra serq. Sempliċi katnazz żgur illi ma jistax joffri siġurta' suffiċjenti. Kien jinkombi fuq B.A.S. Limited li tara li l-merkanzija tkun sigura' matul il-proċess kollu tal-ġarr.

Fuq kollox, il-Qorti tosserva li minkejja l-allegazzjoni li l-merkanzija ġiet misruqa, la tressaq sabiex jikkonferma dan il-fatt ix-xufier involut, la tressqu ritratti li jixhdu l-isgass, la sar rapport fil-lokalità fejn avverat l-allegata serqa u lanqas ma saret xi investigazzjoni a propożitu. Pjuttost illi l-kwistjoni ġiet mehuda b'mod leġġer u l-każ inbena fuq dikjarazzjonijiet unilaterali u mhux ippruvati li saru mix-xufier ta' G.M.C. Transport Company Limited.

Il-Qorti tifhem illi li kieku l-mezz ta' transport kien provdut b'sistema ta' sigurtà adegwata l-allegata serqa setgħet tiġi evitata. F'dan il-każ B.A.S. Limited la ppruvat li s-sinistru kien imprevedibbli u lanqas li kien inevitabbli. In-numru ta' kawżi fil-konfront ta' B.A.S. Limited dejjem dwar l-istess mertu messu induċa lil B.A.S. Limited u lit-terzi minnha nkarigati sabiex jaġixxu ta' *bonus pater familias* u jaraw li l-merkanzija tkun protetta f'kull waqt tat-traġitt sad-destinazzjoni tagħha. Il-fatt li mhux l-ewwel darba li merkanzija ta' Intercomp Marketing Limited ġiet nieqsa fil-kors tat-trasport tagħha juri li kien altru milli prevedibbli li l-merkanzija setgħet tinsteraq jew b'xi mod tiġi nieqsa u għalhekk B.A.S. Limited kellha tieħu kull prekawzjoni neċessarja biex dan jiġi evitat u tevita aktar inkonvenjenti għall-klijenti tagħha. Jirriżulta għalhekk bl-aktar mod ċar illi kien biss in-nuqqas da parti tas-soċjetà intimata B.A.S. Limited li taċċerta ruħha li l-proċeduri ta' sigurtà adoperati mis-soċjetà G.M.C. Transport Company Limited, soċjetà trasportatriċi li *del resto* ġiet minnha stess inkarigata għat-trasport tal-merkanzija ta' Intercomp Marketing Limited, kienu adegwati sabiex jipproteġu l-merkanzija minnhom trasportata.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti ma tifhimx kif B.A.S Limited qegħda tinvoka r-riduzzjoni tal-quantum tad-danni ai termini tal-Artikolu 23(3) tas-CMR meta huwa evidenti li hija naqset pależement milli taġixxi ta' *bonus pater familias* sabiex tevita is-serq tal-merkanzija. Dan għandu rilevanza ferm akbar fid-dawl

tad-diversi kawżi li ġew istitwiti fil-konfront tal-istess B.A.S. Limited għal-riżarċiment minħabba serq jew nuqqasijiet fil-merkanzija mportata mill-istess Intercomp Marketing Limited.

Għal dak illi jolqot ir-responsabilita' ta' G.M.C. Transport Company Limited, il-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited pro et noe vs B.A.S. Limited et deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fil-21 ta' April 2021 (mhux appellata) liema kawża kienet ukoll diretta fil-konfront ta' G.M.C. Transport Company Limited. F'dik is-sentenza it-Tribunal sab lis-soċjetajiet intimati solidament responsabbli bejniethom vis-à-vis s-soċjetajiet rikorrenti. Huwa minnu li dik is-sentenza ma ġietx appellata u allura għaddiet in ġudikat. Dan ifisser ukoll li l-intimati f'dik il-kawża aċċettaw il-kundanna solidali għad-danni reklamati. Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx illi G.M.C. Transport Company Limited għandha tinżamm solidament responsabbli vis-à-vis r-rikorrenti u dan għar-raġuni li bejn G.M.C. Transport Company Limited u Intercomp Marketing Ltd ma nħolqot ebda relazzjoni ġuridika. Hija biss B.A.S. Limited li għandha rabta ġuridika ma' Intercomp Marketing Ltd. Il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu li l-merkanzija kienet fil-pussess materjali ta' G.M.C. Transport Company Limited matul it-traġitt, madankollu kien jinkombi fuq B.A.S. Limited li ssegwi l-merkanzija tul il-proċess tal-ġar sad-destinazzjoni u li tassigura li dik il-merkanzija tiġi konsenjata fl-intier lill-klijent tagħha. Ir-responsabilità finali vis-à-vis Intercomp Marketing Limited tibqa' ta' B.A.S. Limited salv id-dritt ta' rivalsa li din jista' talvolta jkollha fil-konfront tas-sub-appaltatur tagħha G.M.C. Transport Company Limited.

In kwantu d-danni kawzati mis-soċjetajiet rikorrenti, l-Qorti tqis illi din il-prova giet pjenament sodisfatta. Saħansitra, huma r-rappreżentanti tas-soċjetajiet intimati stess li jikkonfermaw illi kien hemm 51 kaxxa nieqsa mill-konsenja riċevuta. Fuq kollox, ma tirriżultax kontestazzjoni tal-ammont pretiż mir-rikorrenti. B'dan għalhekk jirriżulta li s-soċjetà intimata B.A.S. Limited għandha tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minn Atlas Insurance PCC Limited in kwantu l-kumpens illi din ħallset lil Intercomp Marketing Limited fis-somma ta' €16,486.94 u d-danni sofferti minn Intercomp Marketing Limited ammontanti

dawn għas-somma ta' €233.00 rappreżentanti *excess fees* minnha mħallsa.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha G.M.C. Transport Company Ltd irtirat l-eċċezzjoni minnha sollevata għar-rigward il-preskrizzjoni tal-azzjoni b'riżerva għall-ispejjeż relattivi. Il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni ġiet irtirata wara li l-partijiet kienu diġa ressqu l-provi tagħhom f'dan ir-rigward. La darba G.M.C. Transport Company Ltd m'għarfitx tirregola ruħha tempestivament dwar il-fondatezza o meno tal-eċċezzjoni minnha sollevata, hija għandha issa tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relattivi għal din l-eċċezzjoni.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà intimata G.M.C. Transport Company Ltd stante illi din ġiet irtirata.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta' G.M.C. Transport Company Ltd u tiddikjara li hija mhijiex responsabbli vis-à-vis s-soċjetajiet rikorrenti. Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' eċċezzjoni ta' G.M.C. Transport Company Ltd.

3. Tiċħad in toto l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minn B.A.S. Limited.

4. Konsegwentement, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament fil-konfront tas-soċjetà B.A.S. Limited u tikkundannaha tħallas (a) lis-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' sittax-il elf erba' mija u sitta u tmenin Ewro u erba' u disghin centezmu (€16,486.94) bl-imgħax legali dekoribbli mit-30 ta' Marzu 2019 sad-data tal-pagament effettiv; u

   (b) tħallas lis-soċjetà attriċi Intercomp Marketing Limited is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233.00), bl-

imgħax legali dekoribbli mit-30 ta' Marzu 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża relattivi għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà intimata G.M.C. Transport Company Limited għandhom jitħallsu minnha waqt illi l-bqija tal-ispejjeż tal-kawza għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà intimata B.A.S. Limited.

IMHALLEF

DEP/REG